

2. It-tieni motiv ibbażat fuq ksur tar-Regolament Nru 1151/2012

- Ir-riorrenti ssostni li r-rikors huwa ammissibbli u fondat, jekk dan jiġi evalwat abbażi tar-Regolament Nru 1151/2012.

<sup>(1)</sup> Regolament (UE) Nru 1151/2012, tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-21 ta' Novembru 2012, dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrīkoli u oġġetti tal-ikel (ĠU L 343, p. 1).

<sup>(2)</sup> Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006, tal-20 ta' Marzu 2006, dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi u d-denominazzjonijiet tal-oriġini għall-prodotti agrikoli u l-oġġetti tal-ikel (ĠU 2008, L 335M, p. 213).

**Rikors ippreżentat fl-24 ta' Jannar 2014 – Bredenkamp et vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-66/14)**

**(2014/C 112/60)**

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

Rikorrenti: John Arnold Bredenkamp (Harare, Żimbabwe); Echo Delta (Holdings) PCC Ltd (Castletown, il-Gżira ta' Man); Scottlee Holdings (Private) Ltd (Harare); u Fodya (Private) Ltd (Harare) (rappreżentanti: P. Moser, QC (Queen's Counsel) u G. Martin, Solicitor)

Konvenuti: Il-Kummissjoni Ewropea u l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

**Talbiet tar-riorrenti**

- tadotta miżura ta' organizzazzjoni tal-proċedura li tordna lill-konvenuti sabiex jipproduċu l-informazzjoni jew il-provi kollha, li jistgħu jkunu fil-pussess ta' dawk l-istituzzjonijiet li jikkonċernaw l-inklużjoni tal-konvenuti fil-lista;
- tikkundanna lill-Kunsill u/jew lill-Kummissjoni tħallas lir-riorrenti kumpens għad-danni mhux materjali u materjali subiti minħabba sanzjonijiet illegali mill-UE imposti fuq ir-riorrenti billi żiedet (imbagħad żammet sal-2012) l-ismijiet tar-riorrenti fl-Anness tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 314/2004, rispettivament: mill-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2009/68/PESK u mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 77/2009; mid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/92/PESK u mir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 173/2010, u mid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/101/PESK u mir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 174/2011;
- tikkundanna lill-konvenuti għall-ħlas lir-riorrenti tal-interessi komposti bir-rata ta' Euribor + 2 % (jew kwalunkwe rata ta' interassi li tista' tiġi ordnata) mid-data tas-sentenza;
- tikkundanna lill-konvenuti għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-riorsk tagħhom, ir-riorrenti jinvokaw erba' motivi.

1. L-ewwel motiv, li jallega li l-att inkwistjoni ma kellhomx bażi legali xierqa, li tkun promulgata biss abbażi tal-Artikoli 60 u 301 KE, li jirrigwardaw esklużiav dispożizzjonijiet fir-rigward ta' pajjiżi terzi, mhux individwi u kumpanniji.
2. It-tieni motiv, jallega li l-att inkwistjoni juru żbalji manifesti ta' fatt billi naqsu milli juru rbit b'saħħtu mal-Gvern taż-Żimbabwe jew appoġġ finanzjarju jew mod ieħor lir-reġim, biex b'hekk naqsu milli jissodisfaw l-oneru tal-prova tal-konvenuti li rriżultat fi proċess deċiżjonali illegali.

3. It-tielet motiv, jallega li l-atti inkwistjoni kisru rekwiżiti proċedurali essenzjali billi naqsu milli jagħtu raġunijiet suffiċċenti, u naqsu li jagħtu lir-rikorrenti l-opportunità li jinstemgħu jew li jagħmlu sottomissionijiet sabiex jiskaġunaw ruħhom.
4. Ir-raba' motiv, jallega li l-atti inkwistjoni kisru l-prinċipji fundamentali tad-dritt tal-UE kif stabbiliti wkoll fl-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll Addizzjonali għall-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittjet tal-Bniedem (KEDB), billi b'mod illegali rrestrinġew id-drittijiet għall-proprijetà individwali tar-rikorrenti.
- 

### Rikors ippreżentat fl-1 ta' Frar 2014 – Viraj Profiles vs Il-Kunsill

(Kawża T-67/14)

(2014/C 112/61)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

#### Partijiet

Rikorrenti: Viraj Profiles Ltd (Maharashtra, l-Indja) (rappreżentanti: V. Akritidis u Y. Melin, avukati)

Konvenuta: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

#### Talbiet tar-rikorrenti

- l-annullament tar-Regolament ta' Implantazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 1106/2013 (ĠU L 298, p. 1) tal-5 ta' Novembru 2013, li jimponi dazju anti-dumping definitiv u li jiġbor b'mod definitiv id-dazju provviżorju impost fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti wajers tal-azzar inossidabbi li joriġinaw mill-Indja, sa fejn jikkonċerna lil Viraj Profiles Limited;
- tikkundanna lill-Kunsill, u lil kull intervenjenti awtorizzat li jsostni l-pożizzjoni tal-Kunsill fil-kawża, għall-ispejjeż tal-kawża.

#### Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka tliet motivi.

1. L-ewwel motiv huwa bbażat fuq il-fatt li l-kalkolu tal-ispiża ta' produzzjoni fir-Regolament ikkontestat ġie aġġustat b'mod li huwa manifestament żbaljat, bi ksur tal-Artikolu 2(1), (3), (4), (5), (6), (11) u (12) tar-Regolament Bażiku. L-istituzzjonijiet tal-UE applikaw aġġustament 'il fuq taħt metodu li meta segwit iwassal għal aġġustament iktar baxx minn dak żvelat mill-Kummissjoni. L-aġġustament jinkludi wkoll elementi li ma għandhomx jiġu inklużi fl-ispiża ta' produzzjoni tar-rikorrenti. Il-marġni ta' dumping ikkalkolat fuq il-bażi ta' dan il-metodu żbaljat jikser l-Artikolu 2(11) u (12) tar-Regolament Bażiku.
  2. It-tieni motiv jallega li l-konstatazzjoni li d-dannu subit mill-industrija tal-Unjoni huwa kkawżat mill-importazzjonijiet Indjani hija manifestament żbaljata, inkwantu ma tikkunsidrax l-impatt tal-importazzjonijiet Ċiniżi, li kienu l-ikbar sors ta' dannu fil-perijodu kkunsidrat u kisret ir-rabta kawżali bejn l-importazzjonijiet Indjani u d-dannu, u l-istituzzjonijiet tal-UE ma wettqux analiżi bbażata fuq in-nuqqas ta' attribuzzjoni, bi ksur tal-Artikolu 3(6) u (7) tar-Regolament Bażiku.
  3. It-tielet motiv jallega li l-Kummissjoni naqset milli teżamina l-preċiżjoni u l-adegwatezza tal-prova kawżali prodotta fl-ilment li jiġiustika l-bidu tal-investigazzjoni u dan bi ksur tal-Artikoli 5(2), (3), (7) u 9(5) tar-Regolament Bażiku.
- 

### Rikors ippreżentat fis-27 ta' Jannar 2014 – UAB “MELT WATER” vs UASI – (MELT WATER Original)

(Kawża T-69/14)

(2014/C 112/62)

Lingwa tal-kawża: il-Litwan